Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,088, 19 ta' Lulju, 2023

Taqsima B

A.L. 172 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 161 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (v) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(v) għad-**Design and Technology**: grad tal-ewwel ċiklu fit-Technical Design and Technology JEW grad tal-ewwel ċiklu fl-Inġinerija. L-applikanti li għandhom grad fl-Inġinerija jistgħu jintalbu joqogħdu għal intervista u jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-għarfien tekniku tagħhom, l-isfond teknoloġiku u l-interess fil-professjoni tat-tagħlim. F'każijiet fejn l-applikanti jonqoshom għarfien essenzjali f'oqsma partikolari mhux koperti fl-ewwel grad tagħhom, il-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, jista' jeħtieġ li l-applikant isegwi u jtemm b'suċċess programm preparatorju jew taqsimiet-studju supplimentari kif indikat fl-ordinament 7;"

4. Minflok is-sottoparagrafu (viii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(viii) għall-**Franċiż**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS fil-Franċiż u/jew fil-Lingwistika relevanti għall-Franċiż; jew, għall-applikanti li jkunu kisbu d-Diplôme du Baccalauréat Général jew l-Option Internationale du Baccalauréat (jew l-ekwivalenti) li jaffermaw it-tmiem b'suċċess tat-tagħlim fil-Franċiż tal-età ta' 18-il sena (jew aktar), grad tal-ewwel ċiklu fi kwalunkwe qasam ta' studju;"

5. Minflok is-sottoparagrafu (ix) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ix) għall-**Ġermaniż**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS fil-Ġermaniż u/jew fil-Lingwistika relevanti għall-Ġermaniż; jew, għall-applikanti li jkunu kisbu z-Zeugnis der Allgemeinen Hochschulreife / Abitur (jew l-ekwivalenti) li jaffermaw it-tmiem b'suċċess tat-tagħlim fil-Ġermaniż tal-età ta' 18-il sena (jew aktar), grad tal-ewwel ċiklu fi kwalunkwe qasam ta' studju;"

6. Minflok is-sottoparagrafu (xii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(xii) għat-**Taljan**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS fit-Taljan u/jew fil-Lingwistika relevanti għat-Taljan; jew, għall-applikanti li jkunu kisbu d-Diploma di Maturità / Diploma di Esame di Stato (jew l-ekwivalenti) li jaffermaw it-tmiem b'suċċess tat-tagħlim fit-Taljan tal-età ta' 18-il sena (jew aktar), grad tal-ewwel ċiklu fi kwalunkwe qasam ta' studju;"

7. Minflok is-sottoparagrafu (xix) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(xix) għall-**Ispanjol**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS fl-Ispanjol u/jew fil-Lingwistika relevanti għall-Ispanjol; jew, għall-applikanti li jkunu kisbu t- Título de Bachiller (jew l-ekwivalenti) li jafferma t-tmiem b'suċċess tat-tagħlim fl-Ispanjol tal-età ta' 18-il sena (jew aktar), grad tal-ewwel ċiklu fi kwalunkwe qasam ta' studju; u"

8. Minflok is-sottoparagrafu (xx) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(xx) għall-**Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali fit-Teknoloġija tal-Inġinerija, l-Ospitalità, is-Saħħa u l-Ħarsien Soċjali, l-Agribusiness, it-Textiles and Fashion, Haidressing and Beauty, il-Media Literacy, l-Artiġjanat, il-Kostruzzjoni, jew ir-Retailing**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-inqas 70 krettu ECTS f'qasam ta' studju relevanti."